MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 95/2003

**Ean Malta Association**

**vs**

**FM Poultry Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"L-Assocjazzjoni attrici qed titlob is-somma ta' hames mija u sittax-il Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm516.50) minghand is-socjeta' konvenuta rapprezentanti kontribuzzjonijiet dovuti minnha ghas-snin 2002 u 2003 ai termini ta' l-istatut ta' l-EAN Malta.

Is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti anke wara l-hrug ta' ittra legali datata 30 ta' Gunju 2003 (Dok C).

Bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez."

Sema' d-deposizzjoni ta' Dr. Antoine Naudi rapprezentant tal-assocjazzjoni attrici li kkonferma bil-gurament il-kontenut tal-avviz tat-talba;

Ra n-Nota tal-mistoqsijiet tal-assocjazzjoni attrici sabiex is-socjeta' mharrka twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li s-socjeta' mharrka debitament notifikata ma pprezentatx risposta;  hadd ma deher ghaliha sabiex jikkontesta t-talba attrici fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2003 f'liema seduta l-kapitoli gew ipprezentati mill-attur u approvati mit-Tribunal;  u lanqas deher fid-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni u dan minghajr ma gab ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-assocjazzjoni attrici s-somma ta' LM516.50c rapprezentanti kontribuzzjonijiet dovuti kif spjegat fl-avviz tat-talba bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------